gari." Jien nemmen li ġisem uman għarwien f'pittura jew skultura huwa konsidrat bħala arti imma l-istess ġisem uman għarwien f'magazin meqjus li jipproġetta biss stħajjil erotiku, dan jitqies bħala pornografija.

6. Xi ħaġa li wieħed jinnota fir-rumanzi tiegħek u lili togħġobni ħafna hija li għandek għarfien tajjeb ta' bosta mkejjen f'Malta. Fir-rumanz "Staqsi lir-riħ" ngħidu aħna nsibu ħafna rakkonti ambjentati fi nħawi rurali tar-Rabat u Ħad-Dingli. Fir-rumanz "id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar," mill-banda l-oħra, tħallina bil-kurżita' eżatt liema naħa ta' Marsaxlokk tiġi din id-dar. Dawn ll-postijiet jagħmluha faċli ħafnabiex il-qarrej jirrelata mal-istorja, u toħroġ ukoll it-tema tal-identita' fejn hawn għandna identita' lokali. Kemm tagħti importanza lil dan l-aspett lokali fix-xogħlijiet tiegħek?

T. L-ambjent rurali lejn in-naħiet ta' fuq ta' Malta flimkien mal-baħar b'konnessjoni ma' kampanja naturali bħal ta' Marsaxlokk jaffaxxinawni ħafna. Fil-fatt inħobb indaħħalhom bosta drabi fir-rumanzi tiegħi. Id-dar fir-rumanz "Id-dar ta' ħdejn il-baħar" tinsab fin-niżla qabel taqbad il-Fanal ta' Dellimara msejħa il-Kalanga. Minħabba li jien twelidt f'raħal li kien imdawwar bl-għelieqi dan sar jirrelata fir-rumanzi tiegħi. Fil-kampanja nara il-ġmiel kollu tal-ħolqien u t-tifsira ta' dak kollu sabiħ u ta' serħan il-moħħ. Dan jidher tajjeb fir-rumanz "Fid-dell tal-Pellikan".

7. Ġaladarba qed insemmu dawn ir-rumanzi, ma nistgħux ma ngħidux li "Staqsi lir-riħ", "Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar", fost oħrajn, kienu qed jinqraw fuq ONE Radio, insellem minn hawn lis-Sur Etienne Schembri. Nimmaġina li huwa ta' sodisfazzjon li x-xogħlijiet tiegħek qed isiru r-rumanzi ewlenin fuq ir-radju.

T. Bħala kittieb u b'umiltà kbira nistqarr li huwa ta' sodisfazzjon li r-rumanzi tiegħi jinstemgħu minn fuq il-mezzi tax-xandir. Fil-fatt, ir-rumanzi kollha nqraw minn fuq l-istazzjonijiet kemm dak nazzjonali u kemm dawk privati. Uħud minnhom inqraw aktar minn darba. Dan minbarra l-kummenti li nirċievi minn fuq is-sit elettroniku bħal facebook.

8. Waqt li f'dawn ir-rumanzi li semmejna joħroġ ħafna l-aspett lokali, ix-xogħlijiet tiegħek mhux nieqsa minn xeni ambjentati barra min xtutna. Mhux il-punt ewlieni ta' din l-intervista imma ta' min wieħed jgħid li inti servejt għal numru ta' snin bħala President tal-General Workers Union, u ċertament li din l-esperjenza tatek viżjoni wiesgħa ta' ħafna pajjiżi u kuluri differenti. Nimmaġina li tħobb ħafna wkoll xi safra mal-famija. Kemm tirrifletti din l-esperjenza fil-kitba tiegħek?

T. Fil-kariga li kelli żort mat-28 pajjiż inkluż iċ-Ċina u l-Istati Uniti u lkoll ħallew il-marka tagħhom fuqi, l-aktar meta kont infittex in-naħiet imwarrba tal-ibliet fejn hemm toħroġ ir-realtà tal-lokal. Dan kollu kellu effett fil-kitba tar-rumanzi u ridt nuri li wara kollox, għalkemm l-ambjent loġistiku huwa differenti, il-bniedem kullimkien jibqa' l-istess bit-tajjeb u l-ħażin li jkollu fis-soċjetà li jkun qed jgħix fiha. Min qara r-rumanzi tiegħi jaf li dawn kollha huma msejsa fuq aspett soċjali tal-ħajja ta' kuljum.

9. Fl-anniversarju ta' meta dħalna fl-Unjoni Ewropeja tajtna rumanz ieħor bl-isem "Diaspora". Fost il-karattri ewlenin kellek il-missier u bintu u l-argumenti dwar jekk pajjiżhom jidħolx fl-Unjoni Ewropeja u anke dak tat-trejdunjonista mal-kollegi tiegħu u l-poeta Slovakk li kien jgħix fil-Yugoslavia. Kemm tarah li mmatura l-ħsieb politiku tagħna l-Maltin li naslu għal qbil u li ngħixu flimkien, anke fejn ma naqblux?

T. F'dak ir-rumanz urejt is-sitwazzjoni reali tal-qasma soċjali, ideoloġika u politika ta' dakinhar ġewwa pajjiżna. Minbarra dan ridt nuri wkoll il-mixja lejn ħelsien politiku sħiħ f'dik li qabel kienet iċ-Ċekoslovakkja. Nemmen li f'dik li hija kitba politika mxejna sew 'l quddiem jekk wieħed jara kemm ħarġu kotba b'dik it-tema. Iżda nistqarr li minkejja dan il-ħsieb politiku, dan ma wassalx biex il-poplu tagħna jasal jgħix flimkien bħala poplu politikament matur. Għadna wisq ngħixu fi tribujiet tal-aħmar u l-ikħal fejn kull naħa tisħaq li tagħha huwa tajjeb u n-naħa l-oħra qegħda hemm biex tfixkel. Għadna wisq nisparaw vleġeġ lejn xulxin.

10. Ktieb partikolari li lili jogħġobni ħafna huwa "Ir-raġel stramb", forsi nazzarda ngħid li huwa l-favorit tiegħi. F'dan ir-rumanz il-karattru ewlieni huwa l-professur tal-mużika Fyodor Kamarovsky (ir-raġel stramb), komunist Pollakk konvint li effetivament jiltaqa' ma' tfajla kattolika u bħalu konvinta. F'dan ir-rumanz insibu dettal tal-ħajja fil-Polonja komunista, naraw it-taqbida ta' persuna li safa ingannat u r-reputazzoni tajba tiegħu spiċċat imħassra. Pero', mbagħad għandna wkoll il-fatt li għandna persuna, stramb, u warajh kien hemm ġrajja. U min qed jiltaqa' miegħu fil-preżent ma jafx minn xiex għadda. Kif torbot il-fatt li persuna m'għandiex niġġudikaw bla ma nafu lil persuna anke fid-dawl ta' kif toħroġ f'dan ir-rumanz?

T. Dan ir-rumanz huwa wieħed mill-favoriti tiegħi wkoll. Ridt nuri l-ħażin tat-trażżin politiku u l-intolleranza ta' twemmin ideoloġiku f'era ripressiva. Fyodor kien komunista fl-ideal tal-komuniżmu veru imma mhux f'dak bolxevista ta' żmienu. Kien tolleranti u ħanin u jafda. Ġie tradut u dan biddel naqra l-imġiba tiegħu u sar ma jafda lil ħadd u jidher bħala raġel stramb. F'dan ir-rumanz hemm l-element romantiku kemm qarrieqi u kemm ġenwin u fl-istess ħin urejt li l-perċezzjoni hija element perikoluż.




11. Semmejna l-ambjent lokali, dak barrani pero' il-bniedem huwa ċ-ċentru tar-rumanzi tiegħek. Ftit ilu inti tajtna ġabra ta' novelli "Xbiehat fuq it-tila".

Dwar dawn in-novelli, il-mibki Frans Sammut jikteb hekk: "Barra milli jitwemmnu l-persunaġġi li jressaq quddiemna, il-kittieb joħloq ambjenti b'tifsiriet, djalogu u lwien li bihom titwemmen ukoll il-ġrajja li tissawwar bl-għemejjel tal-persunaġġi li jġarrbu qtigħ il-qalb jew għax ifallilhom il-ħsieb ta' moħħhom jew għax ma jirnexxilhomx jegħlbu x-xkiel u s-saram li jsibu fi triqthom."

X'tgħidilna kemm dwar dawn in-novelli, (mela issa mhux rumanzi), u aktar minn hekk dwar il-bniedem u t-temi umani bħala l-qofol tax-xogħlijiet tiegħek?

Insibu d-dgħjufija tal-bniedem, imma anke l-kobor, għaliex xi kultant Salv kif insibu fix-xogħlijiet tiegħek ukoll, għalkemm fittizji, il-bniedem kapaċi jegħleb bosta ostakli.

T. Frans Sammut għaraf tassew il-ħsieb tiegħi f'dawk in-novelli li kollha, minbarra l-ħrafa tal-bidu, jittrattaw temi soċjali tal-ħlejjaq fuq it-tila tal-ħajja ta' kuljum. Għalhekk "Xbiehat fuq it-tila".

12. Tant qed tagħtina rumanzi li forsi ma rridx ninsa nsemmi wkoll il-fatt li inti wkoll poeta. Ġieli tfakkarna ftit billi żżewwaq xi poeżija, marbuta mal-istorja fl-introduzzjoni ta' xi kapitlu.

T. Minnu! Inħobb nagħti ħjiel ta' x'se jsib il-qarrej fir-rumanz billi nikteb poeżija ta' introduzzjoni.

13. L-aktar li jiena u inti ħdimna flimkien kien fl-Għaqda Poeti Maltin fejn inti servejt ukoll għal numru ta' snin bħala Segretarju ta' din l-Għaqda. X'fissret għalik din l-esperjenza?

T. Kien żmien sabiħ fejn fih għamilt ħbieb u b'riħitha kuntatti siewja f'lejliet fl-irħula u fl-ibliet. Ħasra li sfaxxat fix-xejn!

14. Wara dawn l-aħħar tliet rumanzi, x'ser inkunu qed nistennew?

T. CHRISTINE, MISTERI FIL-LABIRINT bħala rumanzi u mitejn storja ta' mitejn kelma il-waħda.